DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Ro

StudentBounty.com

**IT-TIELET SENA** **MALTI** **ĦIN : SAGĦTEJN**

# (KARTA SPEĊJALI)

**Isem :** ________________________ **Klassi :** ___________________

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 18 | 28 | 12 | 12 | 30 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## A. Silta għall-qari (18-il mark

# Dawra mal-portijiet



Illum mort maz-ziju Tas-Sliema. Minn hemm tlajna fuq waħda minn dawk il-laneċ li bihom tmur dawra mal-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett.

Fuq il-lanċa kien hemm ħafna turisti. Jien u z-ziju sibna żewġ postijiet minn fejn stajna naraw sewwa. Konna fix-xemx u għalhekk ilbisna beritta. Il-baħar kien kalm, imma meta ħriġna minn fejn il-*breakwater*, il-lanċa bdiet titbandal mhux ħażin.

Aħna u għaddejjin mill-portijiet, rajna bini antik ta' żmien il-Kavallieri, it-Tarzna, it-Tlett Ibliet, il-bini għoli u modern f'Tas-Sliema, il-gżira ta' Manoel u tant postijiet oħrajn. Rajna wkoll *cruiseliner* mimli turisti.

Illum tassew li ħadt pjaċir!

(addattament minn kitba ta' C. Casha li dehret f'*Mid-Djarji ta' Stefan u Marika*)

1. Agħżel l-aħjar kelma billi tirriga sinjal taħtha: (6 marki)

i. Mort maz-ziju (Għawdex, Tas-Sliema, l-Imsida).

ii. Tlajna fuq (luzzu, *speedboat*, lanċa) biex immorru dawra.

iii. Morna dawra mal-(portijiet, irħula, knejjes).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Sib u ikteb il-kelma li jonqos: (6 marki)

i. Kemm kien hemm t__________ fuq il-lanċa!

ii. Billi konna fix-xemx ilbisna b_________.

iii. ’Il barra mill-b_____________, il-baħar kien imqalleb.

3. Veru jew Falz? (6 marki)

i. Rajna bini antik taż-Żmien Neolitiku. _________

ii. Kien hemm *cruiseliner* bit-turisti. _________

iii. Illum ma ħadtx pjaċir! _________

## B. Lingwa (28 marka)

1. Kompli dawn is-sentenzi billi tirriga l-kelma t-tajba bħal fl-eżempju: (8 marki)

i. Tajt rigal (<u>lil</u>, lil-, lill-) oħti.



ii. Ħadt ktieb lura (lil, lil-, lill-) librar.



iii. Morna niżfnu (ma, ma’, m’) sħabna.



iv. Ħriġna (min, min-, minn) bieb ieħor.



v. Sibt iċ-ċwievet tal-karozza (ta’, t’, ta) ommi.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Qiegħed dan il-kliem li ġej fil-kaxxa t-tajba bħal fl-eżempju: (6 marki)

rieqed reqdin rieqda





neżlin nieżla nieżel

ħierġa ħiereġ ħerġin



| Maskil (raġel) | Femminil (mara) | Plural (ħafna) |
|---|---|---|
| rieqed | rieqda | reqdin |
| | | |
| | | |

3. Biddel in-numri fi kliem mill-kaxxa bħal fl-eżempju. (6 marki)

i. Ġiet l-(1) <u>ewwel</u> waħda.



ii. Grace għandha (9) _________ kotba.



iii. (3) ________, Paċikk qabeż mit-tieqa.



iv. Sarah għandha (2) _________ *mobiles*.



v. Sifirt (12) __________ darba.



vi. ________ (100) ewro għall-karità.



vii. Wasalna għal xi s-(7) _________.



| Tlieta, **ewwel,** sebgħa, tnax-il, Mitt, żewġ, disa’ |
|---|

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B bħal fl-eżempju:

(8 marki)

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | **Kiser** siequ. | | **Raqqad** lil kulħadd bi kliemu. |
| 2 | **Daħak** b'sieħbu. | | **Tajjar** in-ngħas li kellu. |
| 3 | **Raqad** raqda twila. | 1 | **Kisser** il-ħġieġa. |
| 4 | L-għasfur **tar** mill-gaġġa. | | **Wassal** lil bintu l-iskola. |
| 5 | Il-papa **wasal** Malta. | | **Daħħak** lil kulħadd bih. |

## Ċ. Malti Prattiku (12-il marka)

Imla l-vojt bil-kliem mill-kaxxa ħalli tkompli dan ir-reklam:

**Investi fik innifsek**

- Mod ġdid kif tirqaq u tneħħi t-tensjoni.
- ______________ ta' pil żejjed minn fuq il-wiċċ u l-ġisem mingħajr ma tweġġa'.
- Trattament kontra t-________ u l-ponot.
- Faċilità ta' sodod biex wieħed _______________.
- ________ ġdid, dħuli u kkwalifikat.
- Nhar ta' _________ s-*salon* ikun miftuħ għall-irġiel biss.



Elvira's *Beauty* __________
Triq il-Ġmiel, Floriana
Tel. 21447652

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Tneħħija, | Staff, | *Salon*, | jixxemmex, | Tlieta, | tikmix |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# D. Letteratura (12-il marka)

## i. Proża

### Il-Bulijiet



Illum kont dieħel l-ewwel darba l-iskola l-ġdida. Dħalt fil-bitħa bil-lapes, b'basket żgħir u bin-nuċċali. Bdejt miexi, nitlob 'l Alla li ma jindunawx li jiena ġdid. Imma ma domtx.

Tifel għadda minn miegħi u qalli: "Nuċċalijiet!" Għadda ieħor u qalli: *"Double eyes!"* Il-mużew kienu qaluli biex inżomm kalm. U żammejt kalm. Imma xħin tifel ieħor ġie b'ġebla f'idejh, intfajt għal fuqu. U bdejna nagħtu bil-ponn.

F'salt wieħed waqa' skiet kbir. Ġiet tifridna għalliema. Għal xi raġuni jew oħra, minn dakinhar ma kontx ibbulijat aktar.

(addattament minn **Stejjer taċ-Ċarrut** – SEDQA)

Agħżel l-aħjar tweġiba billi tagħmel sinjal taħtha: (6 marki)

(a) Fejn kien sejjer it-tifel bin-nuċċali?

(i) It-tifel kien sejjer jilgħab il-futbol.
(ii) It-tifel kien sejjer l-iskola.

(b) Xi bdew jagħmlu t-tfal l-oħra meta ndunaw bih?

(i) It-tfal l-oħra bdew jgħajruh u jittantawh.
(ii) It-tfal l-oħra bdew iċapċpulu u jifirħu bih.

(ċ) Kif spiċċat din l-istorja?

(i) It-tifel baqa' jiġi bbulijat is-sena kollha.
(ii) It-tifel ma baqax jiġi bbulijat.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

### ii. Poeżija



Kemm kont ħelu u gustuż meta kont tfajjel!
X'seħer kelli għall-friefet u għall-ħuttaf!
X'baħar ta' ħajr f'daqsxejn ta' xitla, f'rimja!
Tfuliti kienet Ġenna: u ma kontx naf!

(strofa mill-poeżija **Tifkiriet ta' Tfuliti** ta' Karmenu Vassallo)

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tirriga sinjal taħtha: (6 marki)

(a) Min qiegħed jitkellem fil-poeżija?
(il-poeta Karmenu Vassallo, xi ħadd ieħor, in-nies)

(b) Liema huma ż-żewġ kelmiet li qed jirrimaw?
(tfajjel u ħuttaf, ħuttaf u naf, rimja u naf)

(ċ) Il-kliem fil-poeżija juri li meta kien żgħir, il-poeta kien
(imdejjaq, muġugħ, ferħan).

## E. Kitba ta' sentenzi / paragrafi (30 marka)

1. Qiegħed in-numri 2 sa 6 ħdejn il-paragrafi ħalli tkompli l-istorja. (10 marki)

| | |
|---|---|
| Infetaħ il-bieb u, hekk kif kont ser inwerżaq, rajt lil Daniel, ħija ż-żgħir. | |
| Kienet lejla xitwija meta qomt maħsuda bix-xita ttektek mal-ħġieġ tat-tieqa. | 1 |
| Daniel staqsieni jekk setax jorqod fejni għaliex kien qiegħed jibża'. | |
| F'daqqa waħda smajt xi passi fil-kuritur u l-bieb beda jitbexxaq. Imsarni niżlu f'saqajja! | |
| U jien irrispondejtu bil-ħlewwa: "Tista', basta ma terġax tagħtini qatgħa bħal dik!" | |
| Ir-riħ kien qed ivenven u s-sajjetti bdew ifaqqgħu waħda f'waħda. | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**U**

2. Ikteb madwar **150 kelma** dwar **wieħed** minn dawn. Il-kliem fil-parentesi jista' jgħinek: (20 marka)

i. **X'nara sabiħ f'pajjiżi.** (il-kampanja; il-widien; l-għoljiet; il-kwiet u l-paċi; l-art imdawra bil-baħar; distanzi qosra bejn il-bliet u l-irħula; il-festi fis-sajf; il-klima)

ii. **Il-festi Maltin.** (tiżjin; pavaljuni; statwi; dwal; baned; logħob tan-nar; qubbajt; ġiġġifogu; purċissjoni)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers